# Jacqueline
## Pierre J.Mejlak

Analiżi minn Steven Borg

# L-Istorja fil-Qosor

- L-Ewwel Parti:

1. Jacqueline u Mario ġol-karozza quddiem ir-ristorant isegwu ħidmet il-pulizija u l-membri taċ-ċivil fl-evakwazzjoni tan-nies wara li kien hemm theddida ta' bomba.
2. Iddeċidew li jixtru xi pastizzi minn ħanut viċin u joqogħdu jekluhom filwaqt li jkomplu jsegwu x'kien qed jiġri.
3. Mario jħossu komdu ħafna ma' Jacqueline.

- It-Tieni Parti

1. Mario jogħġbuh in-nisa sbieħ iżda skontu, hu ma jikkwalifikax. Kien jemmen li "qatt mhu se jirnexxilu" u kien "rassenjat li jibqa' għażeb f'dar ommu".

2. Nhar Ħamis ix-Xirka, "għajnejh iltaqgħu ma' ta' Jacqueline. U tbissmitlu". Inħasad u daħal f'dubju jekk kinitx tbissmet lilu.

3. Fl-irxoxt raha u tbissmilha, u xtaq li dan it-tbissim ikompli għaddej "imqar għal sitt xhur".

4. Jacqueline ratu quddiem il-BOV u b’determinazzjoni u konvinzjoni qaltlu: “Tridx bħal-lum ġimgħa mmorru nieħdu pizza?!”. Inħasad, aċċetta u rrispondieha bi tliet mistoqsijiet. Issuġġerietlu ’l Angelito.

5. Mario jiddispjaċih li dak it-tbissim “se jispiċċa kmieni wisq”; daqt ma jibqax aktar ġuvni; beda jaħseb jekk għandux isib xogħol aħjar u saħansitra jekk ifittixx xi post.

6. F’daqqa waħda ftakar li allerġiku għat-tadam u f’“id-*derby* deċiżiv tal-Madonnina”.

7. Numru ta’ Jacqueline ma kellux u ma kienx jaf fejn toqgħod preċiż.

8. F’salt wieħed ftakar li għandu 27 u allura ddeċieda li jinsa d-*derby* u jagħżel li jiltaqa’ ma’ Jacqueline.

9. Dakinhar li kellu jiltaqa’ magħha saq lejn Angelito imma hu u għaddej xamm riħa ta’ pastizzi ħierġa minn ħanut viċin “U f’dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb”.

10. ...

# It-Titlu tan-Novella

- **X'wassal biex l-isem *Jacqueline* jingħażel bħala titlu u jingħata prijorità fl-ordni tal-ismijiet, meta l-protagonist hu Mario?**

1. Jista' jkun li t-titlu, is-sinsla li magħha tankra l-istorja, jixraq aktar li jissejjes fuq il-karattru sod ta' Jacqueline?
2. Hija kawża femminista?
3. It-titlu *Jacqueline* jirreferi għal persuna jew għal sempliċement ħsieb f'moħħ il-protagonist?
4. ...

# X’effett tħalli fuqna din it-teknika?

1. Naslu ninġibdu aktar lejn Jacqueline u nitbiegħdu minn Mario?
2. Naslu nammiraw lin-nisa għas-saħħa mentali u karatterjali ta’ xi wħud minnhom?
3. Naslu biex ikollna ħerqa nimirħu fil-garigori tal-psike ta’ Mario?
4. ...

# Tmiem li jgħaqqad mal-bidu

- Is-sekwenza tal-episodji li nsibu f'din in-narrazzjoni ma ssegwix l-ordni li aħna mdorrijin biha fil-ġrajjiet ta' kuljum - anakronija.
- L-użu tal-prolessi/*flashforwarding* (4,1,2,3).
- L-effett fuq il-qarrej:
  1. Mejlak iwassalna biex ninxtorbu fl-istorja billi jitfgħalna inċident movimentat fil-bidu?
  2. Naslu nifhmu li r-relazzjoni tagħhom kompliet minkejja d-differenzi karatterjali?

3. Stil ta’ kitba ċirkolari li jixraq mal-karattru tond ta’ Mario?

4. Hija teknika użata minn Mejlak biex tixraq mal-indeċiżjoni ta’ Mario? Jew hija pjuttost l-oppost, biex Mejlak jurina qrubija mal-kwalitajiet ta’ Jacqueline u jkun anti-konformist/modern?

# Il-Karattri

## Jacqueline:

- Deċiżiva - karatteristika ta’ karattru sod.
- Deċiża - *Nistgħu mmorru għand Angelito*

  *Tista’ tippikkjani minn hawn*
- Ma tibżax tagħmel l-ewwel pass - *Tridx bħal-lum ġimgħa...?*
- Impulsiva - *U tbissmitlu*

Nota stilistika - Il-biċċa l-kbira tal-kwotazzjonijiet li jesebixxu l-kwalitajiet karatterjali ta’ Jacqueline huma fl-ewwel persuna.

# Il-Karattri

Mario:

- Indeċiż - *1. Eh, pizza?*
  *2. Għala le?*
  *3. Fejn?!*

- Indeċiż fejn irid - *Imma - ħej - sabiħa wkoll*
  *u did-darba tbissmilha fil-pront*
  Kien deċiż li jixtieq jara *d-derby*

- Monotonu - *bħas-snin ta' qabel kien man-nies l-oħra qed jagħmel iċ- ċirkwit kappella sorijiet...*

# ... Mario

- Stima baxxa tiegħu nnifsu - Lanqas seta' jemmen li kienet qed titbissem lilu.
- Rassenjat - *li jibqa' għażeb f'dar ommu* - Element ta' telqa.
- Konformist - *meta bħas-snin ta' qabel...*
  Tbissmilha ħafif *u baqa' miexi lejn is-sepulkru*
  Aċċetta li jieħdu pizza m'għand Angelito.
- Mhux imġarrab - Beda jgħaġġel bi ħsibijietu meta lanqas kien għadu beda xejn ma' Jacqueline.

# ... Mario

- Beżżiegħ? - Tgħid għamel it-theddida tal-bomba (jekk għamilha), biex jevita l-iskumdità li jgħid lit-tfajla li: ma jaqbilx miegħu t-tadam jew li ma jixtieqx imur għand Angelito; li jixtieq tliet pastizzi minflok ikla; jew saħansitra li jippreferi d-derby minnha?

---

Konklużjoni: Kuntrast karatterjali qawwi bejn Jacqueline u Mario.

# Analiżi Lessikali

- **Il-kuntest Malti** - Mejlak juża kliem bħal *BOV*, *Kinnie*, *pastizzi* u *sepulkru* biex ipoġġina aktar fil-kuntest Malti u ninxtorbu fl-istorja faċilment. Insibu wkoll referenza għas-seba' visti u l-purċissjoni tal-irxoxt.

- **Laqta moderna -** Kliem bħal *waiters*, *round*, *derby* u *tippikkjani* jikkuntrasta mal-użanzi tipiċi u Kattoliċi tagħna. Żvilupp lingwistiku li jistona mal-konvenzjonalità ta' Mario.

# ... Analiżi Lessikali

- **Kliem li jaħsad** - *bomba, spara, sparathielu* u *missila*, jaħsadna u hemm bżonnu biex jagħmel tajjeb għat-telqa li jinsab fiha Mario. Din l-apatija tiegħu toħroġ ukoll bl-użu tal-istil interrogattiv: *Eh, pizza?/Għala le?/Fejn?!*

- **Sens ta' twissija minn Jacqueline** - Wara l-mistoqsijiet ta' Mario, hi tgħidlu: *Nistgħu mmorru għand Anġelito ta' ħdejn iċ-ċimiterju*. Hija koinċidenza li r-ristorant inzerta ħdejn ċimiterju jew qed twissih indirettament biex ma jibqax kajman quddiem il-ħeġġa tagħha, inkella tmewwitha u tinsieh?

# ... Analiżi Lessikali

- **Il-Ħeġġa passjonali ta' Jacqueline -** wiċċha *ruxxan; Tridx bħal-lum ġimgħa...; sabitu quddiem il-BOV...*
- **L-Apatija ta' Mario** - tbissmilha *u kompla miexi lejn is-sepulkru*; *Numru tat-telefown ma kellux...* Kuntrast ma' meta raha u tbissmilha dakinhar tal-*purċissjoni tal-irxoxt*.
- **L-Indeċiżjoni** - *X'kien se jagħmel meta jerġa' jaraha? ... Jilgħabbha li nesa kollox? Le. Għandu 27. Jinsa d-derby u ...*
- **L-Ansjetà -** L-użu frekwenti tal-konġunzjoni *U* fl-aħħar paragrafu tan-novella jurina kemm Mario jinsab itturbolat bil-preżenza ta' Jacqueline f'ħajtu, u bl-iskumditajiet kollha li nħolqulu biha, tant li jispiċċa: *U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb.*

# L-Istil tan-narrazzjoni

- **Stil narrattiv u deskrittiv** - In-narratur jirrakkuntalna storja (anke bl-użu tad-deskrizzjoni), ambjentata f'Malta dwar żewġ karattri opposti, dwar it-tlaqqigħ tagħhom, it-theddida tal-bomba u l-bqija.
- **Rakkont fit-tielet persuna iżda b'laqtiet ta' diskors dirett -** Bini ta' storja li tirrealizza aktar ruħha meta jiddjalogaw il-karattri.

# … L-Istil tan-narrazzjoni

- **Narrazzjoni mill-perspettiva tan-narratur -** Għalkemm il-protagonist huwa Mario, u kien jagħmel sens li jkollna narrazzjoni mill-perspettiva ġewwiena tiegħu, din in-novella hija msejsa fuq il-perspettiva tan-narratur-li-jaf-kollox, u dan iqanqal bosta mistoqsijiet:

1. Din hija kitba awtobijografika?
2. In-narratur m'azzardax iħalli f'idejn Mario biex jirrakkonta ladarba penġiehulna dgħajjef, dubjuż, jinfixel u l-bqija?
3. Allura, għax m'afdax in-narrazzjoni f'idejn Jacqueline u dan l-istil kien jaqbel mat-titlu? Jew nerġgħu lura għall-ewwel mistoqsija?

# Il-Gradazzjoni lejn il-klajmaks

- Il-qarrej jinżamm sospiż jistenna b'kurżità sal-aħħar tan-novella biex ikun jaf x'se jiġri, jiżdied ir-ritmu tal-istennija permezz tal-użu frekwenti tal-konġunzjoni *u* fl-aħħar paragrafu, u meta l-qarrej jaħseb li laħaq il-klajmaks, ikun laħaq l-antiklajmaks. Biex jilħaq il-klajmaks irid jirritorna għall-bidu tan-novella.

# It–Ton

- It-ton huwa **leġġer** kważi tul in-narrazzjoni kollha biex jixraq ħafna man-nuqqas ta' ħeġġa passjonali ta' Mario. Madankollu, fl-aħħar paragrafu jinħass ukoll it-ton **anzjuż u mgħaġġel** minħabba l-użu spiss tal-konġunzjoni *u.* Din il-movimentazzjoni x'aktarx hija kkawżata mid-dubji serji f'moħħ Mario dwar jekk għandux jieħu lil Jacqueline bis-serjetà daqskemm jieħu bis-serjetà lid-*derby;* u mill-iskumdità li se jkollu jieħu pizza meta jaf li z-zlazi ma jaqblux miegħu, u li ovvjament Jacqueline se tistaqsih għaliex.

# Il-Ħsieb aħħari

- It-tmiem miftuħ: *U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb* iwassalna naħsbu li dan il-ħsieb ta' Mario kien wieħed x'aktarx eskejpist wara t-teqlib kollu li kellu f'moħħu dwar Jacqueline, u allura egoistiku wkoll.
- Ma nafux jekk Mario heddidx bil-bomba fil-verità jew jekk kienx sempliċement ħsieb ta' mument.
- Jaf il-ħsieb li għaddielu ma kellu x'jaqsam xejn mat-theddida tal-bomba, u allura kienet sempliċement kumbinazzjoni.
- Jista' għaddielu ħsieb li jagħmel theddida fir-ristorant sabiex jagħmel spazju għal mument intimu ma' Jacqueline?

# Il–Figuri tat–Taħdit

- **Metafori konvenzjonali/mejta -**
  1. *Imma forsi ħasbitu xi ħaddieħor. Wara kollox kien dlam ċappa.*
  2. *dik il-kategorija ta' tfajliet ma kinitx ħobż għal snienu .*
  3. *kien hemm xi ħadd li wera ħajta interess fih.*

Effett - Dawn it-tip ta' metafori mejta jixirqu mal-aspetti kajmani tsl-protagonist.

# ... Il-Figuri tat-Taħdit

- **Metafori -**
  1. *Tolqtu missila oħra*
  2. *spara tbissima ċkejkna*
- **Onomatopej u/jew alliterazzjonijiet -**
  1. *titwit*
  2. *niżel id-dar b'rasu ttektek tektik niggieżi.*
  3. Pastizzi *jqarmċu*
  4. *boroż tal-karti jħaxwxu*

Effett - Dan kollu jibni stampa aktar realistika f'moħħ il-qarrej.

# … Il-Figuri tat-Taħdit

- **Paradoss** -

Il-perċezzjoni tan-narratur dwar l-età ta' Mario hija paradossali. L-ewwel jgħid li *kellu biss 27 sena*, u iktar tard jagħtina x'nifhmu li issa wasal iż-żmien li jara x'jagħmel u jsib tfajla meta jgħid *Le. Għandu 27. Jinsa d-derby u jiċċekkja l-menù ta' Angelito.*

Effett - Dan il-paradoss ikompli jesponielna l-kunflitti psikoloġiċi f'Mario nnifsu. Jibqa' m'ommu jew jibni xi ħaġa ma' Jacqueline?

# ...Il-Figuri tat-Taħdit

- **Similitudnijie**t -
  1. *Mhux sabiħa daqs in-nisa veru sbieħ.*
- **Lingwaġġ sensorju** fl-aħħar paragrafu -
  1. *ir-riħa tal-pastizzi*
  2. *boroż tal-karti jħaxwxu*
  3. *tilari suwed fuq xulxin*
  4. *sħana ħierġa mill-forn*

Effetti - Is-similitudnijiet jixhdu l-ammont ta' dubji f'Mario, filwaqt li l-lingwaġġ sensorju jqarribna lejn dak li ħass Mario, tant li kważi jaqbadna l-aptit tal-pastizzi.

# … Il-Figuri tat-Taħdit

- **Personifikazzjoni -**

1. *… u bagħtithielu l-memorja, mogħxija bid-daħk.*

Effett - Tant hu dgħajjef u mifxul li l-memorja qed tidher b'saħħitha aktar minnu, tant li tidħak bih u tkun hi stess li (permezz ta' 3 mistoqsijiet rettoriċi) tfakkru li t-tadam ma jaqbilx miegħu u li daqt hemm *id-derby.*

Grazzi tal-attenzjoni.

Nispera li l-vjaġġ għoġobkom.

☺